# Il-VAPUR TA' L-ART

**Tagħrif miġbur minn Charles B. Spiteri**

Il-Vapur ta' l-Art, jew aħjar il-Ferrovija, f'malta taf il-bidu tagħna nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar 1883. Kien it-3.00 p.m. meta saret inawgurazzjoni tal-ferrovija mill-istazzjon tal-Belt għal dak tar-Rabat. Fuqha kien hemm l-aħjar nies ta' dak iż-żmien. Mill-għada 1 ta' Marzu dan is-servizz tal-ferrovija kellu jkun parti integrali tal-Maltin, għal 48 sena, meta ġie fi tmiemu fil-31 ta' Marzu 1931.

Iżda l-preparamenti għall-ferrovija saru minn ħafna snin qabel. Insibu li fl-1870 Mr. J. Scott Tucker ressaq proġett quddiem il-Gvern biex f'Malta ukoll tidħol il-ferrovija. Fil-proġett tiegħu hu xtaq li l-ferrovija jkollha linja waħda li tinsaq fuqha u tibda mill-Belt Valletta u tgħaddi taħt l-art sakemm toħroġ mill-Furjana, imabgħad tmur Ħaż-Żebbuġ, għar-Rabat u għall-Mosta. Minn hemm tmur Burmarrad u tispiċċa San Pawl il-Baħar. Iżda fl-1873 saru żewġ proġetti oħra, wieħed mill-Maġġur Hutchinson u l-ieħor mill-Perit Edward Rosenbuch. Ta' l-ewwel ried li l-linji tal-Ferrovija jkunu mibnija fuq pilastri tal-ħadid, biex ma titteħidx l-art u kellha tibda mill-Belt Valletta u tispiċċa l-Mosta b'waqfiet ħdejn Bieb il-Bombi, il-Ħamrun, St. Venera, Birkirkara, Ħ'Attard u r-Rabat. Wara kellhom isiru estensjonijiet għall-Marfa w oħra għal tas-Sliema. Il-Maġġur Hutchinson ħaseb li 'l quddiem ikun hemm servizz ieħor ta' ferrovija f'Għawdex mill-Imġarr sar-Rabat. Il-porġett tal-Perit Rosenbuch tressaq fid-19 t'April 1873. Hu ssuġerixxa li l-ferrovija tibda minn x'imkien ħdejn Marina Gate (Victoria Gate) u tgħaddi taħt l-art san-naħa ta' Bieb il-Bombi, għall-Ħamrun, Birkirkara, Ħ'Attard, u tispiċċa r-Rabat, tul ta' ftit iktar minn sitt mili. Imbagħad issuġerixxa li ssir estensjoni oħra minn Ħ'Attard għall-Mosta. Sentejn wara tressaq proġett ieħor minn Georges Fernandes, però dan ma ntlaqax, peress li ntagħżel il-proġett tal-Perit Rosenbuch.

L-għażla saret minn kumitat maħtur mill-kunsill tal-Gvern u kien magħmul mis-sinjuri Adriano Dingli, giovanni Batt, Trapani, Emanuel Scicluna, Ramiro Barbaro u Francesco Saverio Decesare. Huma kellhom xi għajnuna ta' xi periti u quddiemhom, kellhom iż-żewġ proġetti ta' Hutchinson u Rosenbuch. Però Hutchinson iritra l-proġett tiegħu. Meta allura ntagħżel il-proġett tal-Perit Rosenbuch, dan il-kumitat ħarġu 23 kundizzjoni biex tkun tista' titwaqqaf kumpanija formalment. Fost dawn il-kundizzjonijiet insibu li tingħata l-art minn fejn tkun se tgħaddi l-linja, u jitwaqqfu l-istazzjonijiet b'ċens għal 99 sena. Kundizzjoni oħra kienet li x-xogħol kellu jkun lest fi żmien sena minn meta jsir il-kuntratt, u dan jiġi meqjus hekk, meta jkun komplut minn kollox u s-servizz jista' jibda jaħdem.

Il-Malta Railway Co. Ltd., twaqqfet fit-12 ta' Ġunju 1879, u x-xogħol ta' tqegħid ta' linji u bini ta' stazzjonijiet mexa' b'ritmu mgħaġġel. Il-ferrovija kellha tkun single track, meter gauge mill-Belt sar-Rabat. It-Terminus tal-Belt kien fil-mina, li saret apposta taħt putirjal, fejn il-lum hemm Yellow Garage. Din il-mina riedet tiżbokka għal ħdejn Bieb il-Bombi, għalhekk il-ħaddiema li ħadmu fuq dan il-proġett inqassmu f'żewġ gruppi, grupp iħaffer in-naħa tal-Belt, u l-ieħor min-naħa tal-Bombi. Iżda fejn l-iskola tal-Furjana sabu ġibjun u l-ħaddiema ddevjaw il-mina b'mod li jiskapulawh.

Il-bini ta' l-istazzjon kien fi Triq l-Ordinanza, biswit it-Teatru mwaqqa'. Hemmhekk kien hemm l-uffiċċju tal-Manager, uffiċċju għal booking u sala kbira għan-niea. Mis-sala kien hemm rampi għal ħdejn il-linji tal-ferrovija. Barra minn dan l-istazzjon kien hemm erbgħa oħra. Dawn kienu fil-Ħamrun, Birkirkara, Ħ'Attard, u r-Rabat. L-istazzjonijiet kollha kellhom żewġ linji talferrovija, biex dawk il-ferroviji li jiltaqgħu fihom, ma jaħbtux ma' xulxin. Barra dawn l-istazzjonijiet kien hemm erbgħa stazzjonijiet oħra żgħar li kienu jikkonsistu b'bankina u xi ftit siġar mal-ġenb tal-linja. L-impjegati ta' l-istazzjonijiet kienu jikkomunikaw bejniethom permezz tat-telefon. Tul il-linja tal-ferrovija kien hemm 14-il kamra imsejjħa tal-Katina. F'kull kamra kien ikun hemm raġel impjegat u x'ħin tkun ġejja l-ferrovija kien iqiegħed il-ktajjen biex in-nies u l-karettuni ma jaqsmux il-linja.

L-istazzjonijiet tal-Ħamrun, Birkirkara, Ħ'Attard kienu b'sular wieħed. Kellhom tinda kbira li mill-bini ta' l-istazzjon toħroġ għal fuq il-linji biex tilqa għax-xemx u x-xita. Mal-bibien kien ikun hemm l-isem ta' l-istazzjon miżbugħ bl-iswed. It-tinda ta' l-istazzjon ta' Birkirkara għadha teżisti fil-post sal-lum. L-ewwel Manager tal-kumpanija kien F.A.B. Geneste u l-ewwel time tables kienu juru sebgħa vjaġġi kuljum mill-Belt għar-Rabat u sebgħa oħra lura. L-ewwel xhur kienu nkoraġġanti ħafna u d-dħul kien ta' Lm50 kuljum. Meta wieħed jiftakar li n-nol kien ta' sold u nofs (6 milleżmi) sa Birkirkara, tlett soldi u nofs (1c7m) għall-korsa kollha mill-Belt sa l-Imdina, din kienet somma tajba ħafna. Il-Ħaddiema kienu jħallsu 2 soldi. Iżda wara ftit snin bdew jinqalgħu d-diffikultajiet għax id-dħul niżel ħħal £20 kuljum u xi kultant anke inqas. Ġara li wara sebgħa snin il-kumpanija Malta Railway Co. Ltd., kellha tagħlaq, nhar il-31 ta' Marzu 1890. Kien kalkulat li minn dan is-servizz il-kumpanija tilfet £80,000.

Immedjatament il-Gvern ħa kollox f'idejh. Il-Gvern reġa' beda iħaddem is-servizz sentejn wara, nhar il-25 ta' Frar 1892. Il-gvern impjega manager, Lawrence Gatt li dam jaħdem erbgħa snin. Tul iż-żmien li dam hu saru ħafna linji ġodda. Warajh laħaq Nicholas Buhagiar. L-ikbar xogħlijiet tiegħu kien it-tħaffir tal-mina li hemm fl-Imdina u bini ta' stazzjon ġdid taħt l-Imtarfa magħruf bħala l-istazzjon tal-Mużew. Il-ħaddiema kienu jaħdmu sigħat twal ħafna, ġieli anke mill-4.00 a.m. sat-8.30 p.m. u kienu jaqilgħu 4 xelini u żewġ soldi (20c8m) kuljum. Il-ħaddiema kienu 63 b'kollox, inkluż il-Manager. Fi żmien li l-ferrovija kienet f'idejn il-Gvern jinsabu magni ġodda w ikbar li kienu jiġbdu l-vaguni, dawn ħadu post il-magni l-oħrajn.

Fl-1905 twaqqfet il-kumpanija tat-Tram u bdew deħlin il-karozzi. Dawn bdew jitfgħu l-ferrovija lura sakemm għalqet. Seħħew xi nċidenti waqt is-servizz ferrovjarju. L-ewwel inċident kien fil-25 ta' Jannar 1893, meta ċertu Duminku Vassallo, waqa' minn vagun u spiċċa taħt ir-roti tal-ferrovija. Hu miet fil-post. Inċident ieħor seħħ nhar San Ġużepp ta' l-Imsida, 22 ta' Lulju 1923. Kien qed isir l-aħħar vjaġġ mill-Imdina għall-Belt u meta l-ferrovija waslet bejn St. Venera u l-Ħamrun (ħdejn il-knisja ta' San Franġisk) hi ħabtet ma' merħla barrin li kienu qegħdin jaqsmu l-linji. Bil-ħabta l-ferrovija qabżet il-linji iżda ħadd ma weġġa'. Mill-barrin mietu xi 34 u xi oħrajn sfaw feruti.

Il-ferrovija kienet dejjem tiġbed il-vaguni. Għalhekk lejn ir-Rabat kienet titla' hi fuq quddiem. Meta tasal hemm u tkun trid tinżel għall-Belt, hi kienet kun żganċata, taqbad il-linji l-oħra fl-istazzjon, tersaq mal-vaguni, bil-quddiem tagħha tħares lejhom u tmur lejn il-Belt bir-reverse. Il-vjaġġ mill-Belt għall-Imtarfa kien idum 30 minuta bl-enerġija tal-faħam.

F'Birkirkara għandna l-unika traċċa tal-ferrovija, għax wara il-knisja l-qadima għandna dak li darba kien l-istazzjon tal-ferrovija. Infatti għad hemm it-tinda intatta u l-unika vagun mill-ferrovija qiegħed hemm espost biex jarah kulħadd. F'pajjiżna għandna ukoll toroq li juru r-rabtiet lejn il-ferrovija, bħal Triq l-Istazzjon, Triq il-Ferrovija, F. Geneste Street (l-ewwel Manager tal-Malta Railway Co. Ltd.) u Triq B. Bontandini, mgħallem ieħor f'dan is-servizz ferrovjarju.


*The Baptist Antiques*

Prop. JOHN GAUCI

*ENGLISH, FRENCH & MALTESE FURNITURE, GLASS, CHINA & BRONZES*

**77, NAXXAR ROAD, BIRKIRKARA.**

**(Opposite il-Mitħna)**

**TEL. RES: 49 62 94 SHOP: 49 95 82**



**CORAL VIDEO RENTAL**

**261, Msida Street, B'Kara. Tel: 49 25 94**




*Repairs on Video and Hi-Fi equipment*

*Video Recorder from Lm160*

*Colour T.V. from Lm170*